**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 252/16 AL

AB
vs
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet iżżewgu fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieg tagħhom numru tnejn, tnejn, tmienja, tnejn - (2282/2008) hawn anness u mmarkat bħala **Dok. TM1**;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizi fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) hawn anness u mmarkat bħala **Dok. TM2**;

Illi minn dan iż-żwieg taghhom ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn erba' (4) snin;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju, 2016;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi

ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Dicembru, 2012, ilhom de facto separati ghal aktar minn erbgha (4) snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.